MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1120/2004

**Philip Attard**
**vs**
**John Bonnici u b'digriet tas-16 ta' Novembru, 2004 giet kjamata in kawza Express Aluminium Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Mejju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), rapprezentanti danni sofferti mill-attur tort uniku tal-konvenut u dan meta l-istess konvenut, nhar l-10 ta' Novembru, 2003, f'Imdina Road, Haz-Zebbug, minhabba imperizja, traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, l-istess konvenut baqa' diehel bil-vettura Toyota Nru.EXP-004 fil-vettura ta' l-attur Hyundai Excel IAA-429.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-rispsota tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Gunju, 2004 fejn gie eccepit :**
**i. Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.**
**ii. Preliminarjament ukoll, il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-vettura Toyota Dyna EXP-004 m'hijiex proprjeta` tieghu izda tas-socjeta` kummercjali Express Aluminium Ltd u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut m'huwiex responsabbli tal-incident tal-10 ta' novembru, 2003, oggett ta' din il-kawza.**
**iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' danni mitlub huwa esagerat.**
**v. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Express Aluminium Limited, prezentata fil-21 ta' Jannar, 2005, fejn gie eccepit :**
**a. Illi it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident de quo kien unikament responsabbli l-istess attur stante negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**b. Illi jsegwi li t-talba ghall-hlas ta' danni hija nfondata stante li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjent ghandu jigi kkundannat li jhallas u ghalhekk, ghandha tigi michuda bl-ispejjez.**
**c. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Philip Attard (jnr), Philip Attard (snr), Charles Cauchi, John Bonnici, John Camilleri, Roderick Attard, Christian Muscat. Ra l-affidavits prezentati. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-10 ta' Novembru, 2003, f'Imdina Road, Zebbug, bejn il-vettura tal-attur bin-numru IAA-429 u dik tal-konvenut bin-numru EXP-004. Giet kjamata in kawza s-socjeta**

**Express Aluminium Limited peress li l-vettura EXP-004 hi propjueta ta’ l-istess socjeta.**

**2. Philip Attard l-attur jghid illi kien ghaddej minn Imdina Road, sejjer fid-direzzjoni lejn Haz Zebbug, fil-kareggata ta’ gewwa u tul ta’ zewg karozzi quddiemu kien hemm il-van tal-konvenut, hu jghid illi l-van qasam f’daqqa biex jidhol go Gharran Street. L-attur ghafas il-brake pero’ laqat lill-konvenut fuq id-double wheel, fuq ix-xellug, fuq il-genb ta’ wara. Bhala velocita l-attur jghid illi kien ghaddej b’45 kfs. L-attur jghid ukoll li l-konvenut ma ghamilx sinjal.**

**3. John Camilleri impjegat tas-socjeta kjamata in kawza kien qed isuq il-van EAL-569, ra lill-konvenut gej u jibda jdur lejn Triq Gharran u kellu l-indicator mixghul u sehma brake qawwi.**

**4. Rodrick Attard li kien passiggier fil-vettura tal-konvenut qal li kienu fil-kareggata ta’ barra u li x-xufier xeghel l-indicator, hares fil-mera, kiser bil-mod lejn il-kareggata ta’ gewwa. Jghid illi dahal xi zewg terzi fit-Triq Gharran u jghid ukoll kien hemm brake marks tul ta’ zewg karozzi. Fir-rigward it-Tribunal, jirrileva li dak li qed jghid ix-xhud ma hux minnu ghaliex minn imkien ma jirrizulta illi l-vettura tal-konvenut kienet ga dahlet fit-Triq Gharran.**

**5. Christian Muscat is-sewwieq tal-vettura EXP-004, kul ma jghid li kien qed isuq xi 25 kfs. Jghid illi hares fil-mera tan-nofs u tal-genb. Jghid ukoll illi meta beda biex jaghmel il-manuvra biex jidhol fit-Triq Gharran, sehma hoss ta’ brake qawwi gej minn wara u l-vettura dahlet fih.**

**6. Dwar illi l-konvenut qed jghid illi mhux il-propjetarju tal-van, it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda ta’ l-istess konvenut u ghal log book esbit a fol 66 tal-process, mil-liema jirrizulta illi s-sid tal-vettura hija Express Aluminium Limited. Bhala tali dina ghanda tigi ritenuta responsabbli kemm il-darba tirrizulta n-negligenza tas-sewwieq impjegat maghha.**

**7. It-Tribunal, jirrileva illi ma hemmx dubju illi l-attur kien ghaddej b’certu velocita, u dana jirrizulta anke mill-lenti tal-hsarat, bizzejjed wiehed jara s-survey a fol 31 tal-process u r-ritratti a fol 32 tal-process. Jirrizulta illi l-attur kellu vizwali mhux ostakolata.**

**Jirrizulta wkoll illi l-konvenut qabad u qasam mill-kareggata ta' barra biex idur ghal gewwa u b'din il-manuvra hu kien qed jostakola t-traffiku li kien ghaddej. Ma hemmx dubju li s-sewwieq tas-socjeta kjamata in kawza ma wzax id-debita diligenza waqt li qed jaghmel din il-manuvra u ghalhekk ghandu grad ta' responsabbilta ghal akkadut aktar mill-attur. Bhala responsabbilta t-Tribunal qed isib lill-kjamat in kawza responsabbli ghad-danni rezultanti mill-incident fi grad ta' zewg terzi u lill-attur fi grad ta' terz.**

**8. Id-danni rizultanti kienu tali illi l-vettura kienet beyond economical repair u inghata valur ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00). Charles Cauchi s-surveyor tas-socjeta Elmo Insurance kien ezamina l-vettura tal-attur u kkonferma s-survey Dok PA2 esebit. In kwantu l-kjamat in kawza kien responabbli ghad-danni kif intqal, jigi illi din ghandha thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000.00c).**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000.00c) in kwantu ghad–danni kienet responsabbli s-socjeta kjamata in kawza fi grad ta' zewg terzi, u konswgwentement jikkundanna lil l-istess socjeta kjamata in kawza thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000.00c).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta kjamata in kawza u terz mill-attur, inkluzi l-ispejjez tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------